Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 11/7/194/15

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 11**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, l-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Kunsillier Nicholas Seychell kien skużat.

1. **Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.10 ġew approvati *nem com.*

1.2. Dwar dawn punt nr. 1.5, il-Viċi Sindku Steven Axisa xtaq jara kienx hemm żviluppi dwar il-każ tal-Billboard ta' fejn il-ħabs wara li kien hemm ukoll talba mis-Soċjeta Filarmonika Fra Ant. De Paule. Is-Sindku irrisponda li huwa kien infurmat li ser isir billboard żgħir mis-Soċjeta imsemmija. Huwa kompla billi qal li ser tissejjaħ laqgħa dwar dan u affarijiet oħra relatati mal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fil-bidu tas-sena id-dieħla. Il-Viċi Sindku xtaq jerġa jistaqsi wkoll dwar il-gate fid-daħla ta' *Paola Wolves*. Is-Sindku qal li din il-materja ser tiġi diskussa ma' l-awtoritajiet tal-ħabs f'din l-istess laqgħa.

1.3. Dwar punt nr. 2.11 is-Sindku xtaq jipproponi lil membri illi fid-dawl ta' dak li intqal fl-aħħar laqgħa fejn ġie issuġġerit li jkollna *contracts manager,* huwa kien qed jipproponi li jibda ix-xogħol sabiex tinħareġ sejħa għal-offerti għas-servizz ta' *contracts manager* li jkun responsabbli mil-kuntratti tal-Kunsill. Il-Kunsillier Muscat qal li sa fejn jaf hu l-impjegat Keith Parnis kien ingaġġat sabiex jagħmel xogħol bħal dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan mhux minnu u ċċara li s-Sur Parnis kien impjegat bħala skrivan u kien mitlub minnu li wara nofsinhar fil-ħin li l-Kunsill ikun magħluq għan-nies jiċċekkja xi xogħol li jkun hemm bżonn fuq barra. Wara li iddiskutew din il-proposta is-Sindku talab vot u l-membri approvaw. Il-Kunsilliera Muscat u Bartolo astjenew. Il-Kunsillier Muscat qal li meta jara l-ħażin jiġu hu bl-ilment u ma jħossx li hemm bżonn *contracts manager.* Il-membri talbu li jekk possibbli legalment naraw li dan/din ma jkunx minn Paola.

## 2. Korrispondenza

2.1. Memo 32 dwar l-opportunita li persuna b'diżabilità tagħmel esperjenza ta' xogħol fil-Kunsill Lokali Paola. Il-membri approvaw li nuru l-interess tal-Kunsill li jkollna persuna tagħmel ammont ta' siegħat f'xogħol fil-Kunsill Lokali Paola.

2.2. Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill Lokali Paola jipproponi żewġ postijiet sabiex jiġu koperti b'servizz ta' *Wifi* b'xejn. Il-membri qablu li jipproponu Ġnien Lorry Sant u l-ġnien fi Triq id-Dgħajjes.

2.3. Ittra mingħand l-Uffiċċju Elettorali fejn jinfurmaw lil Kunsill Lokali li inbidel l-isem ta' Triq Kordin (il-parti arterjali) għal Triq Dom Mintoff.

2.4. Ittra mingħand il-*Crazy Line Dancers* sabiex il-Kunsill Lokali Paola joffri klassijiet ta' *Line Dancing* lir-residenti fejn iħallas €50 kull lezzjoni lill-għalliema. Il-membri qablu li minflok il-Kunsill iħallas għal dan is-servizz, tiġi offruta is-sala b'xejn u jiġu offruti prezzijiet speċjali għall-klassijiet lir-residenti Pawlisti.

2.5. Ittra mingħand l-*Astronomical* Society sabiex jagħmlu laqgħa fil-bini tal-Kunsill l-antik kif kien isir tul numru ta' snin. Il-membri approvaw.

## 3. Performance Bonus tal-ħaddiema

3.1. Qabel ma s-Segretarju Eżekuttiv telaq mill-kamra is-Sindku xtaq jagħmel punt dwar l-impjegati tal-Kunsill Lokali (eskluż is-Segretarju Eżekuttiv). Huwa saħaq li kien kuntent bl-operat tal-ħaddiema u jixtieq li il-membri u anke terzi ma jtelfux il-ħaddiema mill-operat tagħhom speċjalment għaliex ċertu ħinijiet ikollhom xogħol li jirrikjedi konċentrazzjoni kbira.

3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-kamra sabiex il-membri ikomplu jiddiskutu din il-materja. Ġie deċiż li jingħata l-massimu tal-*performance* bonus lill-ħaddiema kollha.

4. **<u>Party ta' l-Anzjani</u>**

4.1. Il-Kunsillier Bernard Lynch fakkar lil membri dwar il-party ta' l-anzjani li kien skedat għall-Ħamis 17 ta' Diċembru fil-5.30pm. Bħala biljetti inbiegħu numru mhux ħażin u jidher li ser ikun hemm attendenza tajba ħafna. Il-Kunsillier Lynch ikkonferma illi kollox huwa ppreparat u talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Kunsill u anke tal-Kunsilliera tul dan il-party.

5. **<u>Tender Bankini</u>**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li wara li t-tender tal-bankini kien ġie terminat hemm bżonn li jerġa jinħareġ it-tender. Il-membri approvaw.

6. **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

6.1. Is-Sindku Dominic Grima informa lil membri illi kien hemm problema ta' skart fejn l-skips tal-kumpanija CCBill li kienu fuq l-art privata tagħhom quddiem il-bieb. Dan beda joħloq inkonvenjent għar-residenti tal-madwar minħabba li xi uħud kienu qed jarmu l-iskart ma' l-skips. Huwa kompla u qal li wasal fi ftehim li l-skips ikunu fil-propjetà tagħhom u l-kuntrattur tal-Kunsill jiġbor mingħandhom biss l-skart riċiklabbli.

6.2. Is-Sindku Dominic Grima informa wkoll lil membri li wara diskussjonijiet ma Transport Malta, ser jiġu introdotti żewġ *bus stops* ġodda fi Triq Palma għar-rotta 85 li tibqa sejra għal Qajjenza minn Triq Ħal Tarxien. Qal ukoll li r-rotta X2 issa ser tibda tieqaf ukoll quddiem il-poliklinika u mhux quddiem l-għassa biss.

6.3. Is-Sindku qal wkoll li ġie avviċinat min Spettur li offra li jagħti aktar attenzjoni lis-suq ta' Paola u saħaq li ser ikompli jitkellem ma' l-Ispettur sabiex jara li l-problemi tas-Suq jitranġaw. Fuq dan il-każ il-Kunsillier Lynch qal li ġie avviċinat min uħud mir-residenti li talbu li Triq l-Arkata il-parti tal-monti tkun magħluqa nhar ta' Ġimgħa u Sibt sakemm ikun hemm l-monti minħabba periklu li jista' jinħoloq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dik it-triq kellha tinfetaħ minħabba l-konġestjoni li setgħet toħloq fid-dawl tal-*one ways* il-ġodda. Kompla u qal li periklu jinħoloq meta vetturi u vannijiet jipparkjaw b'mod ħażin fid-daħla tal-monti; xi ħaġa li l-Kunsill jixtieq jirregola mill-aktar fis.

6.4. Dwar ir-reklamar fil-lokalita, is-Sindku informa lil membri illi fil-ġranet li ġejjin kienu ser jiġu introdotti reklami ġodda *f'Safety Bollards* madwar il-lokalita kif permissibbli bil-*byelaw* tar-reklamar li għandu l-istess Kunsill. Oħrajn li huma poġġuti mir-residenti/ħwienet bla permess ser jinqalgħu.

## 7. Skeda tal-Pagamenti

7.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 11 għas-somma ta' €45,935.55

## 8. Aġġornament

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 ta' Jannar 2016.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku